SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (IS-SEBA' AWLA)

tas-7 ta' Novembru 2013*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Kollokament ta' ħaddiema — Direttiva 96/71/KE — Rata ta' paga minima — Somom f'daqqa u kontribuzzjoni min-naħa tal-persuna li timpjega u pjan ta' tfaddil pluriannwali favur l-impjegati tagħha"

Fil-Kawża C-522/12,

Li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' April 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Novembru 2012, fil-proċedura

**Tevfik Isbir**

vs

**DB Services GmbH,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, G. Arestis u J.-C. Bonichot, (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal T. Isbir, minn S. Hermann, Avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn K. Petersen u A. Wiedmann kif ukoll minn T. Henze, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Szpunar, bħala aġenti,

— għall-Gvern Svediż, minn C. Stege u A. Falk, bħala aġenti,

— għall-Gvern Norveġiż, minn P. Wennerås, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Bulst u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn T. Isbir, li jaħdem fil-qasam tat-tindif industrijali, u l-persuna li timpjegah, DB Services GmbH (iktar 'il quddiem "DB Services"), li hija impriża tal-grupp Deutsche Bahn AG, fir-rigward tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-paga minima tal-persuna kkonċernata.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, intitolat "It-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg", jipprovdi fil-paragrafi (1) u (8) tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw [jiżguraw] li, tkun xi tkun il-liġi li tapplika għar-relazzjoni ta' impjieg, l-impriżi msemmija fl-Artikolu 1(1) jiggarantixxu lill-ħaddiema mibgħuta [kkollokati] fit-territorju tagħhom it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg li jkopru il-kwistjonijiet li ġejjin, fl-Istati Membri fejn ix-xogħol hu mwettaq, huma stabbiliti:

— li huma meħtieġa taħt disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi;

u/jew

— bi ftehim kollettiv jew sentenza ta' arbitraġġ li kienu ddikjarati universalment applikabbli fis-sens tal-paragrafu 8, sa fejn jikkonċernaw l-attivitajiet imsemmija fl-Anness:

[…]

(ċ) ir-rati minimi ta' ħlas, li jinkludu rati ta' sahra; dan il-punt ma japplikax għal skemi komplimentari għall-irtirar mix-xogħol;

[…]

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, il-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas [ta' paga minima] imsemmija fil-paragrafu 1(ċ) huwa definit mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-ħaddiem huwa [kkollokat].

[…]

8 [‘]Ftehim kollettiv jew sentenzi ta’ arbitraġġ iddikjarati bħala ta’ applikazzjoni ġenerali[’] ifisser ftehim kollettiv jew sentenzi ta’ arbitraġġ li għandhom ikunu osservati mill-impriżi kollha fis-settur u fil-professjoni jew fl-industrija kkonċernata [u li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni territorjali tagħhom].

[...]”

*Id-dritt Ġermaniż*

L-AEntG 2007

4 Il-liġi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol imperattivi applikabbli għall-provvisti ta’ servizzi transkonfinali (Gesetz über zwingende Arbeitsbedingungen bei grenzüberschreitenden Dienstleistungen — Arbeitnehmer-Entsendegesetz), fil-verżjoni tagħha ppubblikata fil-25 ta’ April 2007, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2007 (iktar ’il quddiem l-“AEntG 2007”), tittrasponi fid-dritt intern Ġermaniż id-Direttiva 96/71 kif ukoll l-emendi sussegwenti tad-dritt tal-Unjoni, b’mod partikolari dawk li jirriżultaw mid-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta’ Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

5 L-Artikolu 1 tal-AEntG 2007 jinkludi dispożizzjonijiet li jiddeterminaw il-metodi ta’ kif il-ftehim kollettivi għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-ħaddiema barranin fil-każ ta’ kollokament ta’ ħaddiema fil-Ġermanja.

–Il-ħames liġi dwar il-formazzjoni ta’ kapital

6 Il-ħames liġi dwar il-formazzjoni ta’ kapital (Fünftes Vermögensbildungsgesetz), tal-4 ta’ Marzu 1994, tipprovdi li l-persuna li timpjega għandha tħallas benefiċċju fi flus li jippermetti l-formazzjoni ta’ kapital f’isem il-ħaddiem.

7 Il-forom ta’ investiment previsti mill-imsemmija liġi huma, pereżempju, kuntratt ta’ tfaddil fuq it-titoli jew ishma oħra f’kapital, l-ispejjeż ta’ ħaddiem fir-rigward tal-kostruzzjoni, ix-xiri, it-titjib jew l-estensjoni ta’ bini għall-abitazzjoni kif ukoll l-ispejjeż marbuta ma’ kuntratt ta’ assigurazzjoni għal ħajja f’kapital jew f’tifdil. F’dan il-kuntest, il-ħaddiem ikkonċernat jista’ juża l-benefiċċji inkwistjoni biss wara perijodu ta’ mblukkar ta’ diversi snin, li huwa rregolat b’mod differenti skont il-forma tal-investiment.

8 Il-benefiċċji li jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta’ kapital huma ssussidjati mill-Istat, minn tal-inqas fir-rigward ta’ ċerti forom ta’ investiment.

Il-ftehim kollettivi

– L-ETV DB Services Nord

9 Il-ftehim kollettiv dwar ir-remunerazzjoni tal-ħaddiema u l-apprentisti ta’ DB Services Nord GmbH (Entgelttarifvertrag für die Arbeitnehmer und Auszubildenden der DB Services Nord GmbH), tas-16 ta’ Diċembru 2004 (iktar ’il quddiem l-“ETV DB Services Nord”), jinkludi l-faxex ta’ remunerazzjoni għall-ħaddiema fil-qasam tas-servizzi relatati mal-proprjetà immobbli u mat-trasport.

10 L-ETV DB Services Nord, li kellu jitħassar fit-30 ta’ Ġunju 2007, inżamm fis-seħħ sal-31 ta’ Marzu 2008.

11 Ir-remunerazzjoni fis-siegħa prevista fl-ETV DB Services Nord kienet ta' EUR 7.56 għall-grupp A3.

12 Il-partijiet għall-imsemmi ftehim ipprovdew li, mill-1 ta' April 2008, din ir-remunerazzjoni fis-siegħa għal dan il-grupp A3 kellha tkun ta' EUR 7.90.

13 Waqt in-negozjati tagħhom l-imsemmija partijiet ftiehmu wkoll li, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sal-31 ta' Marzu 2008, l-impjegati kellhom jibbenefikaw minn żewġ pagamenti f'daqqa (iktar 'il quddiem il-"ħlasijiet f'daqqa tax-xhur ta' Awwissu 2007 u ta' Jannar 2008"), jiġifieri:

— EUR 600 bħala żieda tas-sehem fil-profitti, imħallsa mal-paga ta' Awwissu 2007;

— EUR 150 bħala ħlas eċċezzjonali marbut mal-ekonomija, imħallsa mal-paga ta' Jannar 2008.

– Il-LohnTV Gebäudereinigung 2004

14 Il-ftehim kollettiv dwar il-pagi tal-impjegati fis-settur tat-tindif industrijali (Lohntarifvertrag für die gewerblichen Beschäftigten in der Gebäudereinigung), tal-4 ta' Ottubru 2003 (iktar 'il quddiem il-"LohnTV Gebäudereinigung 2004"), ġie ddikjarat bħala ta' applikazzjoni ġenerali b'effett mill-1 ta' April 2004.

15 L-Artikolu 2 tal-LohnTV Gebäudereinigung 2004 kien jipprovdi remunerazzjoni fis-siegħa ta' EUR 7.87.

16 Din l-iskema ma baqgħatx fis-seħħ fid-29 ta' Frar 2008.

– It-TV Mindestlohn Gebäudereinigung

17 Il-konvenzjoni li tirregola l-pagi minimi għall-ħaddiema fis-settur tat-tindif industrijali fit-territorju tar-Repubblika federali tal-Ġermanja (Tarifvertrag zur Regelung der Mindestlöhne für gewerbliche Arbeitnehmer in der Gebäudereinigung im Gebiet der Bundesrepublik Deutschland), tad-9 ta' Ottubru 2007 (iktar 'il quddiem it-"TV Mindestlohn Gebäudereinigung"), kien jipprovdi paga minima fis-siegħa ta' EUR 8.15 għall-impjegati fil-kategorija li tikkorrispondi għall-grupp A3.

18 L-applikazzjoni tat-TV Mindestlohn Gebäudereinigung ġiet estiża, b'effett mill-1 ta' Marzu 2008.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

19 T. Isbir huwa impjegat fis-settur tat-tindif industrijali li ilu jaħdem fil-Ġermanja ma' DB Services sa mill-1 ta' Jannar 2004.

20 Skont l-ETV DB Services Nord, huwa rċieva remunerazzjoni fis-siegħa ta' EUR 7.56 sal-31 ta' Marzu 2008 u ta' EUR 7. 90 mill-1 ta' April 2008.

21 Huwa talab li jibbenefika, mill-1 ta' Lulju 2007, mid-dispożizzjonijiet iktar vantaġġużi li jistabbilixxu l-pagi fis-siegħa tas-settur tat-tindif industrijali, jiġifieri l-LohnTV Gebäudereinigung 2004, sad-29 ta' Frar 2008, u wara t-TV Mindestlohn Gebäudereinigung, b'effett mill-1 ta' Marzu 2008, li saru applikabbli għall-impjegati kollha ta' dan is-settur, inklużi dawk ta' DB Services.

22 T. Isbir qies li huwa kellu jirċievi paga fis-siegħa ta' EUR 7.87, u wara ta' EUR 8.15, minflok ta' EUR 7.56 u ta' EUR 7.90.

23 Għalkemm DB Services ma kkuntestatx li hija kienet suġġetta għal-LohnTV Gebäudereinigung 2004, u wara għat-TV Mindestlohn Gebäudereinigung, hija qieset li T. Isbir kien fil-verità diġà rċieva ħafna iktar mill-paga minima li huwa kien qed jitlob għaliex huwa kien ibbenefika, għall-perijodu kkonċernat u abbażi tal-ftehim kollettivi li jorbtu lill-grupp Deutsche Bahn AG, somom li kellhom, fl-opinjoni tagħha, jiġu integrati ma' din il-paga minima, jiġifieri:

— minn naħa, il-ħlasijiet f'daqqa tax-xhur ta' Awwissu 2007 u ta' Jannar 2008,

— min-naħa l-oħra, il-kontribużżjoni għall-formazzjoni ta' kapital.

24 Hija l-kwistjoni tal-integrazzjoni jew tan-nuqqas ta' integrazzjoni ta' dawn l-elementi ta' remunerazzjoni mal-paga minima li hija s-suġġett tal-kawża mressqa quddiem il-Bundesarbeitsgericht.

25 Għalkemm l-imsemmija qorti tirrikonoxxi li l-kawża tirrigwarda sitwazzjoni purament interna. Madankollu, hija ssostni li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem, C-28/95, Ġabra p. I-4161, u tal-20 ta' Mejju 2010, Modehuis A. Zwijnenburg, C-352/08, Ġabra p. I-4303), sabiex jiġu evitati differenzi fl-interpretazzjonijiet futuri, id-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni għandhom jirċievu interpretazzjoni uniformi, indipendentement minn jekk dawn japplikawx għal sitwazzjoni purament interna jew transkonfinali. Fil-kawża preżenti, mix-xogħolijiet preparatorji tal-AEntG 2007 jirriżulta li l-kunċett ta' "rata ta' paga minima" li għalih tagħmel riferiment din il-liġi għandu, skont il-leġiżlatur nazzjonali, jiġi interpretat bl-istess mod, kemm jekk japplika għal sitwazzjoni interna kif ukoll jekk japplika għal sitwazzjoni li hija koperta mid-dritt tal-Unjoni.

26 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi sa fejn iż-żewġ somom imsemmija fil-punt 23 ta' din is-sentenza jidħlu fil-kuntest tal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-qorti tar-rinviju, diġà tat għar-rata ta' paga minima fis-sentenza tagħha tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-341/02, Ġabra p. I-2733), u li ma tinkludix l-elementi ta' remunerazzjoni li jbiddlu r-relazzjoni bejn ix-xogħol ipprovdut mill-ħaddiem u l-korrispettiv li huwa jirċievi abbażi ta' dan is-servizz.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" previst fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva [96/71] għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għall-korrispettiv mogħti mill-persuna li timpjega għax-xogħol li jsir mill-ħaddiem li, skont liġijiet, regolamenti jew ftehim kollettivi ddikjarati universalment applikabbli, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva, għandu jitħallas biss u b'mod sħiħ permezz tas-salarju minimu kollettiv ("prestazzjoni normali"), u li, minħabba dan, huma biss il-ħlasijiet tal-persuni li jimpjegaw li jservu ta' remunerazzjoni għal tali prestazzjoni normali li jaqgħu taħt l-obbligu ta' ħlas tar-rata minima ta' ħlas, u li għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiem sa mhux iktar tard mid-data ta' skadenza tal-perijodu ta' remunerazzjoni kkonċernat?

2) Il-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" previst fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva [96/71] għandu jiġi interpretat fis-sens li jippreludi dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali li jipprovdu li l-ħlasijiet ta' persuna li timpjega ma għandhomx jiġu kkunsidrati li jifformaw parti integrali mis-salarju minimu u ma jistgħux għalhekk jitqiesu sabiex id-dritt għas-salarju minimu jitqies sodisfatt, meta l-persuna li timpjega tagħmel dawn il-ħlasijiet fuq il-bażi ta' obbligu li jirriżulta minn ftehim kollettiv,

— u l-ħlasijiet, skont l-intenzjonijiet tal-partijiet fuq il-ftehim kollettiv u tal-leġiżlatura [leġiżlatur nazzjonali], ikollhom għanijiet ta' ġenerazzjoni [formazzjoni] ta' kapital għall-benefiċċju tal-ħaddiema,

u għal dan il-għan,

— il-ħlasijiet mensili mill-persuna li timpjega għall-benefiċċju tal-ħaddiem ikollhom għanijiet intiżi għal żmien twil, bħalma huma l-kontribuzzjoni għat-tfaddil, il-kontribuzzjoni għall-kostruzzjoni jew l-akkwist ta' immobbli ta' abitazzjoni jew il-kontribuzzjoni għal assigurazzjoni [għall-]ħajja [f'kapital], u

— ikunu ssussidjati permezz ta' allowances mill-Istat u eżenzjonijiet fiskali, u

— il-ħaddiem ikun jista' jaċċedi għal dawn il-kontribuzzjonijiet biss fi tmiem perijodu ta' diversi snin, u

— sa fejn huwa ammont mensili fiss, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ikun jiddependi biss mill-ħin tax-xogħol miftiehem u mhux mir-remunerazzjoni tax-xogħol ("ħlasijiet li jikkontribwixxu għall-ġenerazzjoni ta' kapital")?"

**Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

28 Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikkjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-fatti fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda fejn l-imsemmija dispożizzjonijiet kienu saru applikabbli permezz tad-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, punti 26 u 27). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma ruħha, għas-soluzzjonijiet li toffri għal sitwazzjonijiet purament interni, mas-soluzzjonijiet adottati fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, sabiex jiġi evitat li jkun hemm diskriminazzjonijiet kontra residenti nazzjonali jew eventwali distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jeżisti interess ċert tal-Unjoni Ewropea li, sabiex jiġu evitati diverġenzi fl-interpretazzjonijiet futuri, id-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jingħataw interpretazzjoni uniformi, indipendentement miċ-ċirkustanzi li fihom huma għandhom japplikaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Modehuis A. Zwijnenburg, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

29 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-intenzjoni tal-leġiżlatur nazzjonali kienet, hekk kif jirriżulta mix-xogħlijiet preparatorji għall-AEntG 2007, li ttrasponiet fid-dritt intern Ġermaniż id-Direttiva 96/71, li jkun hemm interpretazzjoni uniformi "tas-sitwazzjonijiet interni u tas-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni b'mod partikolari meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda l-kollokament transkonfinali ta' ħaddiema".

30 Issa, f'tali każ, u fil-każ tat-tqassim tal-funzjonijiet ġudizzjarji bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja previst fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa l-portata preċiża ta' dan ir-rinviju għad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata biss għall-eżami tad-dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt. Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-limiti li l-leġiżlatur nazzjonali seta' jadotta għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal sitwazzjonijiet purament interni jifforma parti mid-dritt intern u, konsegwentement, mill-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru (ara s-sentenza Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33)

31 Minn dak li ntqal preċendentement jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

**Fuq id-domandi preliminari**

32 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 96/71 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-integrazzjoni fil-paga minima ta' elementi ta' remunerazzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li jikkonċernaw, minn naħa, żewġ pagamenti f'daqqa deċiżi fil-kuntest tan-negozjati għal ftehim kollettiv u, min-naħa l-oħra, kontribuzzjoni għall-formazzjoni ta' kapital.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta d-Direttiva 96/71 bil-għan, kif jirriżulta mill-premessa 6 tagħha, li jipprovdi, fl-interess tal-persuni li jħaddmu u l-persunal tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg meta impriża stabbilita fi Stat Membru partikolari tikkolloka ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, temporanjament, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi. Mill-premessa 13 tal-istess Direttiva jirriżulta li l-liġijiet tal-Istati Membri għandhom jiġu kkoordinati b'tali mod li jipprovdi nukleu ta' regoli obbligatorji ta' protezzjoni minima li għandhom jiġu osservati, fl-Istat Membru ospitanti, mill-persuni li jimpjegaw li jikkollokaw ħaddiema fl-imsemmi Stat Membru. Madankollu, l-imsemmija Direttiva ma armonizzatx il-kontenut materjali ta' dawn ir-regoli obbligatorji ta' protezzjoni minima. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu liberament jiddefinixxu dan il-kontenut, fl-osservanza tat-trattat KE u tal-prinċipji ġenerali tad-Dritt tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri, C-341/05, Ġabra p. I-11767, punti 58 sa 60).

34 Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tan-nukleu ta' regoli obbligatorji ta' protezzjoni minima, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, indipendentement mil-liġi applikabbli għar-relazzjoni tax-xogħol, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi transnazzjonali, l-impriżi jiggarantixxu lill-ħaddiema kkollokati fit-territorju tagħhom il-kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' impjieg li jikkonċernaw l-oqsma elenkati f'din id-dispożizzjoni, fosthom, ir-rata ta' paga minima, inkluża r-rata ta' sahra (sentenza Laval un Partneri, iċċitata iktar 'il fuq, punt 73).

35 Peress li d-Direttiva 96/71 ma hijiex intiża għall-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' ffissar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' impjieg fl-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom id-diskrezzjoni, fuq livell nazzjonali, li jagħżlu sistema li ma tissemmiex b'mod espliċitu fost dawk li tipprovdi l-imsemmija direttiva, sakemm dan ma jipprekludix il-provvista tas-servizzi bejn l-Istati Membri (sentenza Laval un Partneri, iċċitata iktar 'il fuq, punt 68).

36 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 jagħmel espliċitament riferiment, għall-finijiet tad-Direttiva, għal-liġi jew għall-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem jiġi kkollokat għad-determinazzjoni tar-rata ta' paga minima msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-istess Artikolu 3(1).

37 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 96/71 minnha nnifisha ma tipprovdi l-ebda element ta' definizzjoni materjali tal-paga minima. Għalhekk, id-definizzjoni ta' liema huma l-elementi kostituttivi ta' din il-paga, għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandha tingħata fid-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, madankollu biss sakemm l-effett ta' din id-definizzjoni, kif tirriżulta mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehim kollettivi nazzjonali rilevanti jew mill-interpretazzjoni tagħhom mogħtija mill-qrati nazzjonali, ma jostakolax il-libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri.

38 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li ż-żidiet u s-supplimenti, li ma humiex definiti bħala elementi li jagħmlu parti mill-paga minima mill-liġi jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem jiġi kkollokat, u li jibdlu r-relazzjoni bejn ix-xogħol ipprovdut mill-ħaddiem, min-naħa, u l-korrispettiv li dan jirċievi, min-naħa l-oħra, ma jistgħux, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71, ikunu kkunsidrati bħala elementi bħal dawn (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

39 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien effettivament normali li, jekk il-persuna li timpjega teżiġi li l-ħaddiem jagħmel xogħol addizzjonali jew sahra f'kundizzjonijiet partikolari, dan ix-xogħol supplimentari jiġi kkumpensat lill-ħaddiem mingħajr ma tali kumpens ma jitqies fil-kalkolu tal-paga minima (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

40 Għalhekk, huma biss l-elementi tar-remunerazzjoni li ma jibdlux ir-relazzjoni bejn ix-xogħol tal-ħaddiem, minn naħa, u l-korrispettiv li dan tal-aħħar jirċievi għal dan ix-xogħol, min-naħa l-oħra, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-paga minima fis-sens tad-Direttiva 96/71.

41 F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali għandu, l-ewwel nett, jiġi kkonstatat li l-ħlasijiet f'daqqa ta' Awissu 2007 u ta' Jannar 2008 jidher li huma, hekk kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, il-korrispettiv għall-attività normali tal-ħaddiema kkonċernati, kif previst bi ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali, jiġifieri l-ETV DB Services Nord.

42 Ċertament, l-imsemmija ħlasijiet seħħew 'il barra mill-perijodu li għalih huma kienu meqjusa li jikkumpensaw ix-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati. Madankollu, din iċ-ċirkustanza minna nnifisha ma taffettwax il-klassifikazzjoni ta' dawn ir-remunerazzjonijiet inkwantu l-partijiet għall-ETV DB Services Nord kellhom l-intenzjoni li b'dan il-mod jintroduċu żieda fil-pagi inkambju għax-xogħol fid-dawl tal-prattika nazzjonali li tikkonsisti, waqt in-negozjati għal tali ftehim u fl-iskadenza tal-ftehim preċedenti, fl-antiċipazzjoni, permezz ta' dawn il-ħlasijiet f'daqqa, tal-applikazzjoni tal-faxxa l-ġdida tal-pagi. Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk tali klassifikazzjoni tikkorrispondix realment mal-intenzjoni tal-partijiet għal dan il-ftehim kollettiv.

43 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, il-kontribuzjoni għall-formazzjoni ta' kapital, din donnha, fid-dawl tal-għan tagħha u tal-karatteristiċi tagħha kif esposti mill-qorti tar-rinviju, tibdel ir-relazzjoni bejn xogħol il-ħaddiem u l-korrispettiv li huwa jirċievi bħala remunerazzjoni għal dan ix-xogħol.

44 Fil-fatt, għalkemm din ma tistax tiġi kkunsidrata b'mod separat mix-xogħol ipprovdut, tali kontibuzzjoni tiddistingwi ruħha mill-paga vera u proprja. Peress li din hija intiża, permezz tal-formazzjoni ta' kapital li minnu ser jibbenefika l-ħaddiem f'terminu pjuttost twil, li tissodisfa għan ta' politika soċjali sostnut, b'mod partikolari, b'kontribuzzjoni finanzjarja tal-awtoritajiet pubbliċi, din ma tistax tiġi kkunsidrata, għall-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71, bħala li tifforma parti mir-relazzjoni normali bejn ix-xogħol ipprovdut u l-korrispettiv finanzjarju li din titlob min-naħa tal-persuna li timpjega. Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex tabilħaqq il-każ fil-kawża mressqa quddiemha.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, hemm lok li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 96/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-integrazzjoni fil-paga minima ta' elementi ta' remunerazzjoni li ma jibdlux ir-relazzjoni bejn ix-xogħol tal-ħaddiem, minn naħa, u l-korrispettiv li dan tal-aħħar jirċievi għal dan ix-xogħol, min-naħa l-oħra. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fir-rigward tal-elementi ta' remunerazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

**Fuq l-ispejjeż**

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**It-tieni inċiż tal-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-integrazzjoni fil-paga minima ta' elementi ta' remunerazzjoni li ma jibdlux ir-relazzjoni bejn ix-xogħol tal-ħaddiem, minn naħa, u l-korrispettiv li dan tal-aħħar jirċievi għal dan ix-xogħol, min-naħa l-oħra. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fir-rigward tal-elementi ta' remunerazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.**

Firem